**PARROCCA SANTA MARGERITA—SANNAT**
**Tel./Fax : 2155 1435. Email: sannatparish@keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**

**IL-ĦADD, 1.1.12 SOLENNITA' TAL-MATERNITA' TA' MARIJA:**

## MARIJA OMM ALLA
### JUM IL-PAĊI

Fil-messaġġ tiegħu għal Jum il-Paċi, Il-Papa Benedittu għamel appell biex nedukaw liż-Żgħażagħ fil-Ġustizzja u l-Paċi, ħalli jkunu jistgħu joffru tama lid-dinja.
Huwa jagħmel appell speċjali lill-ġenituri li sejħilhom l-ewwel edukaturi ta' wliedhom. Ejjew nieħdu dan l-impenn mal-bidu ta' din is-sena.

**IT-TNEJN, 2.1.12:** l-**Ewwel Tnejn tax-Xahar**
**F'Nofs inhar** ikun hemm il-quddiesa fiċ-Ċimiterju

**IT-TLIETA, 3.1.12: Grupp** tal-**Kelma ta' Alla**
**Fis-6.30p.m.** Issir il-laqgħa tal-Grupp tal-Kelma ta' Alla
Din tkun fid-Dar Parrokkjali.

**IL-ĦAMIS, 5.1.12: l-Ewewel Ħamis tax-Xahar**
**Fis-7.00a.m.** ikun hawn il-konfessur barranin għall-qrar.

**IL-ĠIMGĦA, 6.1.12: L-EWWEL ĠIMGĦA TAX-XAHAR**
Illum ikun hawn l-Adorazzjoni bejn it-8.00 u l-11.00a.m. u mis-2.30p.m. 'l quddiem
Nagħmel appell biex nibdew din is-sena b'iktar impenn għall-adorazzjoni ta' Ġesu' Ewkaristija.

**Ħarġa għall-Membri tal-Kor**
**Fis-6.30p.m.** se ssir ħarġa għall-membri tal-Kor tal-Kbar. It-tluq ikun mill-Pjazza tal-Knisja.
**Fit-8.00pm.** Quddiesa għall-gradwati u professjonisti fil-knisja ta' Santu Wistin (Victoria): Ikun hemm ukoll il-possibilta' tal-Qrar minn kwarta qabel il-quddiesa.

**IS-SIBT, 7.1.12: FESTA TAS-SANTA NFANZJA**
Illum waqt il-quddiesa tal-10.30a.m. nagħmlu l-Festa tat-Tfal għall-Missjoni (Is-Santa Nfanzja).
F'din l-okkażjoni t-tfal jiġu mħajra biex ikunu missjunarji żgħar anke minn pajjiżhom stess.
Għalhekk, it-tfal kollha huma mistiedna jattendu u jġibu magħhom xi ħaġa tal-flus biex tingħata lit-tfal foqra fl-artijiet tal-missjoni.

**IL-ĦADD, 8.1.12: SOLENNITA' TAL-EPIFANIJA TAL-MULEJ.**
**Fil-11.15a.m.** se ssir laqgħa oħra ta' formazzjoni għall-Għarajjes fil-kors ta' tħejjija għaż-żwieġ
Din tkun fis-sala tad-Dar Parrokkjali.

**GĦALL-ĠENITURI LI JADOTTAW IT-TFAL**
Il-Kummissjoni Djoċesana Familja tistieden lill-adoptive parents kollha għal-laqgħa ta' formazzjoni għalihom bis-suġġett: **Kif nikkoreġu lil uliedna**. Il-laqgħa ser tinżamm **nhar il-Ġimgħa, 13 ta' Jannar, fis-7.00pm fiċ-Ċentru ta' Kana**, ir-Rabat u timexxa minn **dun Anton Teuma**, sacerdot b'diversi snin esperjenza ta' counselling mal-familji.

**FESTI KBAR MATUL IS-SENA 2012**
Il-Festi u l-Ġranet l-Kbar fil-Kalendarju Liturġiku għal matul is-sena 2012, se jkunu kif jidher hawn taħt:

| | | |
|---|---|---|
| L-Erbgħa tal-Irmied | - | 22 ta' Frar |
| L-Għid il-Kbir | - | 8 ta' April |
| Lapsi | - | 20 ta' Mejju |
| Għid il-Ħamsin | - | 27 ta' Mejju |
| Corpus | - | 10 ta' Ġunju |
| Qalb ta' Ġesu' | - | 15 ta' Ġunju |
| L-Ewwel Ħadd tal-Avvent | - | 2 ta' Diċembru |